4) Ir-risposta għat-tielet domanda tkun differenti f'ċirkustanzi fejn l-istruttura tat-tranżazzjonijiet magħżula mill-kumpannija inkwistjoni tfisser li l-benefiċċju tal-għażla ma jistax jintuża?

(1) Direttiva tal-Kunsill 69/335/KEE, tas-17 ta' Lulju 1969, li tikkonċerna taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 11)
(2) Direttiva tal-Kunsill 2008/7/KE, tat-12 ta' Frar 2008, dwar it-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital (ĠU L 46, p. 11)

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ċeka**

**(Kawża C-575/16)**

(2017/C 022/23)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Støvlbæk, K. Walkerová, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Ċeka

**Talbiet**

— tikkonstata li billi imponiet kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' nutar, ir-Repubblika Ċeka naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 TFUE; u

— tikkundanna lir-Repubblika Ċeka għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjoni ta' nazzjonalità stabbilita għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' nutar fis-sistema legali Ċeka hija diskriminatorja u tikkostitwixxi restrizzjoni inġustifikata għal-libertà ta' stabbiliment. B'hekk, ir-Repubblika Ċeka naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 TFUE.

Il-Kummissjoni tqis li l-funzjonijiet ikkonferiti lin-nutara bil-leġiżlazzjoni tar-Repubblika Ċeka ma jikkontribwixxux, min-natura tagħhom, għall-eżerċizzju tal-awtorità pubblika u li b'hekk ma tistax tiġi ġġustifikata bl-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 51 TFUE il-kundizzjoni ta' nazzjonalità prevista għall-aċċess għall-professjoni ta' nutar fis-sistema legali Ċeka.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vrhovno sodišče Republike Slovenije (is-Slovenja) fis-17 ta' Novembru 2016 – C. K., H. F. u (minuri) A. S. vs Ir-Repubblika tas-Slovenja**

**(Kawża C-578/16)**

(2017/C 022/24)

*Lingwa tal-kawża: is-Sloven*

**Qorti tar-rinviju**

Vrhovno sodišče Republike Slovenije

**Partijiet**

*Rikorrenti:* C. K., H. F. u (minuri) A. S.

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tas-Slovenja